**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ernest Cilia**

Vat Kaz Numru 194/2014

Illum 20 ta' Ottubru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ernest Cilia**, bin Emmanuele u Matilda nee' Pisani, imwieled fl-4 ta' Frar, 1961 u residenti fil-fond Salini Residence, Flat 5, Triq il-Lifurna, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 141661(M) li fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi gie:

Akkuzat talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' **Maltatel Ltd,** u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas li

jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21 ta' Gunju 2011, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' €15 ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien, liema multa, bis-sahha tal-Art. 4 u 6 tal-Att XIV tal-2013, ghandha tigi riveduta ghal €5 ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas;

Ghalhekk il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi imputat jigi kkundannat li jhallas il-multa msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perijodu li jibda mit-22 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Jannar 2014, liema multa ghandha tigi kkalkulata mill-gdid kif imsemmi hawn fuq, salv kull multa ghal nuqqas ulterjuri;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' erbat elef, tliet mija u hmistax-il ewro (€ 4,315.00) ghall-perijodu mit-22 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Jannar 2014.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**